# Bormliżi ta' qabilna, aktarx minsija, "ikellmuna" minn ġo qabarhom

## *Dawra ċkejkna maċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid*



Minn Eman Bonnici

L-intenzjoni wara din il-kitba mhijiex dik li nfakkru Bormliżi li għamlu isem; għall-kuntrarju l-għan tagħha huwa li jitfakkru hawnhekk xi wħud minn fost il-bosta li, midfuna fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid, illum huma aktarx minsija, jew inkella wkoll jekk b'xi mod għadhom xi drabi jissemmew forsi mill-qraba jew permezz tat-tifkira popolari, illum ma fadal aktarx xejn li jfakkarna fihom, jew għall-kuntrarju, sforz tal-epitaffji jew xbiehat fuq qabarhom, jgħaddulna llum messaġġ minn żmien li issa ilu sew li għaddha u mar. Miniex sejjer nitkellem fuq Bormliżi ta' dehen kbir, li isimhom ma jeħtieġ l-ebda ntroduzzjoni, bħal Ġulju Cauchi, Abram Gatt, Ġannina Cutajar u Ġann Feliċ Inglott, li magħduda fost l-iprem ismijiet Kospikwani tal-aħħar sekli, m'għandhom xejn xi jfakkarhom fuq qabarhom. Dan ikun jeħtieġ studju għalih, bħalma jmur studju mbagħad għall-membri kapitulari tal-Kolleġġjata Kospikwana, li huwa kbir bil-bosta n-numru tagħhom mistrieħa fil-lok u li wkoll għadd mhux żgħir minnhom m'għandhom xejn xi jfakkarhom, u la epitaffju u lanqas ritratt, biex jiġbdu għajn il-passant u forsi xi ħadd jieqaf jgħid xi ħaġa għal ruħhom. Imma mbagħad wara kollox, ġaladarba l-glorji tad-dinja jispiċċaw, ikollok fuq qabrek ritratt jew le ma tagħmel l-ebda differenza, la hija r-ruħ li tgħodd u mhux il-ġisem. Jibqgħu madankollu xierqa t-tifkiriet tal-bniedem għal dawk ta' warajh u permezz ta' xbieha jew skrizzjoni dak li jkun jagħraf "ikellimna" u jġgħalna, b'mod jew ieħor, niftakru fih.



L-idea għal din il-kitba ingħatatli minn kumpajżan Bormliż li jġorr f'qalbu mħabba partikolari għall-wirt Kospikwan ta' dawk li ġew qabilna. Qalli: "Jinkiteb tant fuq Bormliżi magħrufa, għalxiex ma tiktibx xi ħaġa fuq dawk li mhumiex, min jaf kemm

hemm minnhom fl-Addolorata?". Toqgħod taħseb għandu raġun. Il-bniedem mhux faċli jinfatam minn dak li trabba fih u b'għożża jibqa' jġorr dak li fih trawwem, imqar jekk bogħod minn fejn tnissel. Hekk, ix-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni nsibuha fid-dar ta' kull Bormliż, fil-kċina jew fis-salott, madwar l-erbat irjieħ tal-gżejjer, u wkoll fl-Awstralja, l-Ingilterra, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada u fejn mexa l-emigrant, u wara mewtu, jissokta jagħti xhieda li kien "minn Bormla", fuq is-santi u l-lapidi tal-qabar, indukrati bosta drabi bix-xbieha tal-Kunċizzjoni, sew b'ritratt ukoll ukoll bi statwi.

L-ewwel bniedem li xtaqt infakkar huwa propju wieħed minn dawk il-Bormliżi li minn ġo qabru, mingħajr naturalment ma jitkellem, jurina bi kburija li kien iben din il-belt. Fuqu, qatt ma nkiteb xejn u ismu ma nsibuh imniżżel fl-ebda ktieb tal-istorja. Qed nitkellem fuq ċertu Antonio Bugeja, li miet lura fit-30 ta' Novembru 1899. Min qegħdlu l-iskrizzjoni fuq qabru, niżżel fuqha ismu flimkien mad-data ta' mewtu u l-età li fiha miet, indikata bħala dik ta' 72 sena[1], li magħha żdied aktar tard isem martu, Fortunata xebba Camilleri, flimkien mad-data ta' mewtha u l-età tagħha, dik ukoll ta' 72 sena.[2] Forsi bi żvista, min ħejja l-epitaffju, nesa jinkludi li l-fatt li Toni kien minn Bormla, imma jekk dan min kien insieh, Toni għadu sal-lum, wieqaf wieqaf, jurina b'ċertu kburija, li kien Bormliż, għaliex ir-ritratt fuq qabru jġiebu liebes fil-kwalità ta' mazzier tal-kapitlu, pulit pulit, b'daqsxejn ta' mustaċċi mirquma, donnu għadu jrid jgħid minn ġo qabru, li huwa minn Bormla u li bi kburija qeda l-uffiċċju ta' mazzier, bil-mazza mwieżna ċar ċar fuq spalltu. Iben Pietru u Carmela xebba Orlando, kien residenti fin-numru 231, Strada Santa Teresa ġewwa Bormla, fejn miet fid-data mogħtija fis-sitta u nofs ta' filgħaxija u ndifen jumejn wara fit-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu f'qabar mixtri minn ibnu Pietru, fid-Diviżjoni Lvant, Sezzjoni L, Kompartiment D, qabar numru 18. Ir-reġistru tad-dfin fl-Addolorata jagħti l-pożizzjoni tiegħu bħala "Serviente in Chiesa" kif fil-fatt kien. Hija ħaġa ta' min japprezzaha tassew li dari tali dettalji kienu jiġu rreġistrati prattikament f'kull entrata ta' kull individwu, ukoll jekk il-mejjet jew mejta tkun tarbija jew tifel jew tifla ċkejkna, li jagħtu l-okkupazzjoni tagħha allura skont dik tal-missier, eżempju "bint taħħan", jew "bint tabib", jew "iben diżokkupat". Ferm aktar dettaljati allura minn dawk tal-lum, fejn għall-ħeffa, il-parti l-kbira ta' dawk irreġistrati jitniżżlu sempliċiment bħala "pensjonant/a". Dari, meta l-mejjet kien ikun irtirat, l-okkupazzjoni li darba kien iħaddan kienet titniżżel xorta waħda u magħha jiżdied imbagħad il-fatt li l-persuna in kwistjoni kienet wieqfa mix-xogħol. Fortunata, mart Toni, mietet fil-11 t'Awwissu 1903 u niżlet għall-mistrieħ tagħha fl-istess qabar ma' żewġha, li llum jinsab aktarx mitluq, bl-aħħar difna fih ilha issa li saret snin. Minkejja l-bosta żmien li għaddha minn fuq mewtu, minn qalb il-kappar li llum joħnoq qabru, għadu jixref Toni, liebes kburi kburi l-libsa ta' mazzier, donnu kavallier ta' dominju li llum għaddha u mar, li madankollu għadha tintlibes bl-istess eleganza li hu għaraf ixiddha, mill-mazzier tal-lum.

It-tieni persuna li xtaqt insemmi, l-istess bħal ta' qabilha, m'għamlet xejn li permezz tagħha seħħilha tiġi magħduda mal-figuri storiċi. Paolo Francalanza Micallef Giappone miet lura fil-15 ta' Settembru 1930 ta' 66 sena. Hija d-dehra tiegħu fuq qabar li llum il-ġurnata tolqtilna għajnejna u sforz tagħha qegħdin ninkluduha hawnhekk. Dritt, dritt, b'xagħru oħxon u folt, Pawlu jidher fir-ritratt qisu żagħżugħ modern, liebes il-moda li jiddandnu biha ż-żgħażagħ tal-lum l-aktar f'xi tieġ, wieqaf wieqaf, liebes b'mod eleganti ma jistax ikun aktar, bil-libsa u ċ-ċoff, b'daqsxejn ta' kukkarda artifiċjali fuq il-pavru u b'par mustaċċi warrbilhom, donnu prinċep lest għall-għerusija. Mirqum u kkurat,



bħal donnu jrid jgħid lil dawk ta' warajh, li l-istil li qegħdin iħaddnu fil-ġurnata tal-lum, issa li reġgħu ġew moda l-baffi, il-mustaċċi u x-xahar bil-ferq, ta' qabilhom kienu jafu huma wkoll xi tfisser moda u bħalhom kienu jafu jilbsu u jiddandnu. Ir-reġistri jgħidulna li Pawlu kien ħajjat, u dan forsi jixħet dawl fuq l-eleganza ta' lbiesu, maħdumin fuqu b'mod perfett, ħaġa insorprendenti ġaladarba kien huwa stess mgħallem f'din is-sengħa. Iben Antonio Francalanza u Rosalia xebba Micallef, kien miżżewweġ lil Teresa xebba Vincenti u kien joqgħod numru 135, Strada Oratorio, naturalment f'Bormla, fejn miet fid-data miġjuba aktar 'il fuq fit-tlieta ta' filgħodu. Interessanti li d-difna tiegħu, li segwiet l-għada, ma saritx f'wieħed miż-żewġt oqbra li l-monument ta' fuqhom iġorr l-immaġini tiegħu, imma f'qabar ieħor fid-Diviżjoni Lvant A-P-17, ċioè f'wieħed miż-żewġt oqbra ta' Felice Gulia minn Bormla li fuqhom hemm wieqaf il-Kurċifiss li darba kien jifforma parti mill-Vara l-Kbira tal-knisja parrokkjali ta' Bormla. Ir-raġuni il-għala r-ritratt tiegħu jinsab fuq qabar imbiegħed mhux ħażin minn dak li niżel fih għall-mistrieħ tiegħu, jiġifieri fuq dak fid-Diviżjoni Punent V-B-10, ġejja mill-fatt li wieħed miż-żewġt oqbra li fuqhom jistrieħ il-monument huwa proprjetà ta' Salvatore Francalanza, li minn dak li stajna nsibu jiġi appuntu ħu Pawlu. Fuq il-qabar li fih jinsab midfun imbagħad ma nsibu l-ebda mafkar li jsemmi ismu. Nistqarr hawnhekk li kienet tassew ħasda għalija meta darba fost l-oħrajn dan l-imbierek ta' ritratt ma rajtux aktar. Fittex minn hawn u għolli minn hemm, fl-aħħar sibtu taħt munzell ħaxix ħażin: iż-żmien u l-elementi kienu temmew it-tikħil li żammu għaldaqstant żmien ingastat mal-monument u kuntent li ma ntilifx u li ħsara ma ġratlux - għaliex huwa msejjes fuq il-pjanċa - ħadt ħsieb ngħaddieh lil min jifhem biex iwaħħlu mill-ġdid f'postu u hekk ma jintilifx.



Wara Pawlu xtaqt insemmi lil Giuseppe Gouder, żagħżugħ Bormliż residenti l-Isla, iben Spiridione u Marjanna xebba Vella, professjoni fitter, li miet traġikament fit-30 ta' Settembru 1905 fis-sitta u nofs ta' filgħaxija f'inċident tat-tram li baqa' jissemma' li seħħ f'Għajn Dwieli u li fih mietu erba' min-nies, fosthom dan Ġużeppi. L-inċident seħħ daqs kwarta qabel il-ħin mogħti bħala dak tal-mewt tal-vittma, meta t-tram - li skont xhieda tal-ġrajja kien għaddej b'veloċità eċċessiva, dan għaliex kif aktar tard irriżulta, kien qiegħed tard mal-iskeda - spiċċa biex qabeż minn fuq il-binarji u baqa' dieħel għal ġo arblu. Fuq il-post, ma' Ġużeppi, mietu wkoll Franġisku Durante ta' 44 sena mill-Isla u

George James ta' 29 sena minn Isle of Wight[3], waqt li ċertu Andrea Cini ta' 65 sena minn Bormla wkoll miet konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab fl-Isptar Ċentrali fil-Furjana tliet ijiem wara.[4] Ix-xufier spiċċa biex tilef riġel, waqt li passiġġier ieħor baqa' paralitku. Gouder indifen l-għada fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija fid-Diviżjoni Punent BA-A-70, jiġifieri fil-Komun u għaldaqstant illum il-ġurnata l-fdal tiegħu jinsab fl-ossarju ġenerali. Madankollu, fid-Diviżjoni Lvant L-A-5, insibu lapida li tfakkar lil dan il-ġuvni u li peress li tindikah appuntu bħala vittma tat-tram, hija l-unika waħda tax-xeħta tagħha fiċ-ċimiterju kollu.

Wara Ġużeppi xtaqt insemmi mbagħad xi membri tal-kleru llum minsija għal kollox. Għall-istorja tajjeb insemmu li l-ewwel saċerdot li ndifen fl-Addolorata kien propju Bormliż, ċertu Dun Franġisk Vella, iben Saverio u Maria xebba Galea, residenti Strada Oratorio numru 25, fejn miet fit-3 ta' Ottubru 1872 ta' 88 sena fl-għaxra ta' filgħodu. Membru tal-Compagnia dei Reverendi Sacerdoti della Cospicua, Vella kellu jindifen fid-Diviżjoni Lvant G-E, jiġifieri fl-oqbra tas-Sodalità tal-Kleru tal-Parroċċa ta' Bormla, iżda peress li dawn kienu għadhom dik il-ħabta ma tlestewx, tqiegħed id-Depost fil-qabar numru 6, imnejn fil-5 ta' Mejju 1879 kien ittrasportat lejn is-sezzjoni msemmija u mqiegħed fl-ossarju tas-Sodalità li jġib in-numru 14.



Bormla kellha mbagħad djaknu li mitilha qasir il-għomor u li llum sintendi nsiet: ċertu Fortunato Bonnici, iben Filippo u Carmela Gulia, li miet ta' 22 sena fir-residenza numru 13, Vicolo Torre, Bormla, fis-16 ta' Ġunju 1874 fit-tmienja ta' filgħodu u ndifen l-għada fis-sebgħa ta' filgħaxija fid-Diviżjoni Lvant L-E-7, ċioè fis-sotterran tal-Konfraternità tar-Rużarju tal-Parroċċa ta' Bormla.

Il-Kapitlu tal-Katidral jgħodd fost il-membri tiegħu lil ċertu Mons. Giuseppe Rossi, li imwieled Bormla fit-8 ta' Settembru 1842, iben Salvatore u Margherita xebba Frendo, kien għal bosta snin kanċillier tal-Kurja Djoċesana, sew taħt Mons. Carmelo Scicluna kif ukoll taħt Mons. Pietro Pace. Dan Rossi kien joqgħod Ħal Tarxien, sewwasew fi Strada Santa Maria numru 11, u hemm miet fl-20 ta' Jannar 1921 fit-tmienja u kwart ta' filgħodu. Midfun l-għada fil-ħdax u nofs ta' filgħodu, f'kappella li ħa ħsieb jibni fid-Diviżjoni Punent O-B-5, hija propju skrizzjoni mqegħda fuq wieħed mill-ħitan tagħha li wasslitni biex ninkludi ismu hawnhekk. Infatti lapida ċkejkna tar-rħam taqra:

MIN GHANDU JAHSEB
GHAL CAPPELLA JAKRA
X'HEM GEUUA MICTUB
X'GHANDU JAGHMEL

Fir-realtà, meta wieħed jara mbagħad x'hemm ġewwa, kif jistieden jagħmel lill-passant il-Monsinjur, ma jsib xejn ta' barra minn hawn, għajr għal lapida kbira bi traskrizzjoni bit-Taljan li tagħti d-dettalji kollha dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tal-kappella kif imħollija mill-istess prelat fl-atti tal-21 ta' Mejju 1916 għand in-Nutar Carlo Micallef Decaro. Hu x'inhu, mil-lok tal-mistrieħ tiegħu, it-twajjeb Monsinjur ried b'xi mod jibqa' jgħaddi daqsxejn ta' parir ta' ġid għal min jeħtieġ, u mnejn aktar xieraq mill-istess ħitan li jħarsu qabru għal dak forsi nteressat jibni daqsxejn ta' kappella simili għal dik tiegħu?

Ma' dawn is-saċerdoti ninkludi żewġ qassisin oħra: Dun Angelo Galea u Dun Giuseppe Farrugia. L-ewwel wieħed, iben Filippo u Maria xebba Micallef, residenti fin-numru 11, Strada San Paolo, Bormla, miet fit-12 t'April 1921 ta' 66 sena fis-sitta u nofs ta' filgħodu u ndifen jumejn wara fl-għaxra u nofs ta' filgħodu fid-Diviżjoni Punent P-C-15 bil-kunsens ta' sid il-qabar, in-negozjant Angelo Micallef minn Bormla. Is-santi mqassma f'din l-okkażjoni ifakkruh bħala "fiamma saliente" u "anima pia". It-tieni, Dun Ġużepp Farrugia, iben Francesco u Teresa xebba Portelli, residenti fin-numru 68, Strada San Giorgio, Bormla, miet l-Isptar Ċentrali fit-13 t'Ottubru tas-sena ta' wara fis-sebgħa u għoxrin ta' filgħaxija ta' biss 50 sena[5] u ndifen l-għada fid-Diviżjoni Lvant G-E-10 fl-oqbra tas-Sodalità tal-Kleru tal-Parroċċa Kospikwana fid-disgħa ta' filgħodu. Dawn qed insemmiehom biss bħala eżempju minn fost l-għexieren ta' qassisin li għammru f'Bormla u servew f'tant oqsma diversi, li fil-parti l-kbira tagħhom, bħal dawn it-tnejn in kwistjoni, illum ma fadal xejn xi jfakkarhom, lanqas isimhom fuq qabar. Infakkru li kien hemm żmien li Bormla kellha ħamsa u tmenin saċerdot residenti fiha - ammont li llum il-ġurnata lanqas djoċesijiet ma jgħoddu, aħseb u ara parroċċa weħidha - u hekk kienet iebsa għalihom biex xi darba jew oħra, ilkoll kemm huma jiffurmaw parti mill-kapitlu, li kif nafu jesa' sa erbgħa u għoxrin membru. Hekk, filwaqt li minkejja li ħafna mill-kanonċi llum huma wkoll minsija, tal-inqas b'mafkar tagħhom baqa' almenu l-arma ta' kunjomhom fl-awla kapitulari, mentri l-parti l-kbira tas-saċerdoti l-oħra, li min jaf kemm assistenzi wettqu mal-moribondi bil-lejl biex ma nsemmux tant qadi ieħor fost l-erwieħ, illum intnesew





u qajla għad fadal xi mkejjen jew tfakkira li permezz tagħha naslu biex napprezzaw daqstant figuri simili. Imma dawn inħalluhom f'idejn is-Sinjur, li jaf jikkumpensa mingħajr il-ħtieġa ta' eloġji u kommemorazzjonijiet fuq din l-art.

Għalkemm mhux minsija għal kollox imbagħad - biex ma ninsewx ir-rwol tal-mara fis-soċjetà - xieraq insemmu lis-Superjura Rosina Falzon, imsejjħa "Tan-Nuna", bint Paolo u Esther xebba Gatt, li min jaf kemm tfal għaddew minn taħt idejha fir-residenza li llum isservi ta' uffiċċju parrokkjali fi Triq il-Gendus u mietet aktarx mifnija bil-għali meta l-post li fih għallmet tant tfal inbidel għall-għan imsemmi mill-arċipriet tal-ħabta. Għaddiet l-aħħar żmien tagħha residenti fin-numru 144, Triq l-Oratorju, Bormla, u mietet l-Isptar San Luqa fil-11 ta' Novembru 1980 ta' 79 sena fis-siegħa ta' filgħodu. Id-difna tagħha segwiet l-għada fil-kappella tax-Xirka Omm in-Niket tal-Patrijiet Dumnikani tal-Kunvent tal-Lunzjata tal-Birgu fid-Diviżjoni Lvant Y-A-2. Għadamha llum jinsab imħallat ma' dak ta' tant oħrajn miktuba fi ħdan ix-Xirka msemmija, li bosta jfittxu għall-mistrieħ tagħhom taħt il-ħarsien tal-Madonna u San Duminku b'saqaf fuq rashom, hekk li naf b'każi fejn saħansitra nies li kellhom qabar tagħhom jew tal-familja għażlu li ma jindifnux f'dawn l-aħħar iżda f'din il-kappella, li hija l-akbar waħda fost dawk privati, naturalment wara l-kappella prinċipali taċ-ċimiterju ddedikata lil Sidtna Marija tad-Duluri. Tifkira tal-istess Superjura, fil-kappella nsibu ritratt ċkejken tagħha f'waħda miż-żewġ vetrini maħnuqa xbihat ta' numru ta' dawk midfuna f'dan l-imkejjen.

Rosina għaddiet żogħżitha bħala waħda mill-interni tad-Domus Sagra Familja mwaqqaf minn Mons. Spridione Penza li l-għan tiegħu kien dak li jassisti t-tfal fil-ħinijiet liberi tagħhom u filwaqt li jħarriġhom fil-ħwejjeġ tar-ruħ, jieħu ħsieb ukoll jgħallimhom iħitu, isajru, jirrakkmaw u affarijiet oħra ta' siwi għall-ħajja. Għal dan il-għan Dun Spir seħħlu jgħaqqad grupp ta' nisa li minn rajhom offrew ruħhom li jgħallmu lil dawn it-tfal b'xejn. Wara l-mewt tal-fundatur, li ġrat fil-15 t'April 1924, id-Domus għaddha f'idejn Mons. Antonio Galea. Eventwalment kellha tkun Rożina stess li mexxiet it-treġija tiegħu għal bosta snin, sakemm fl-aħħar feġġ Dun Edgar Huntingford minn Bormla, li miet fir-residenza tiegħu "Hallelujah", fi Triq Ħaż-Żabbar ġewwa Raħal Ġdid fit-13 ta' Novembru 2001 fl-età ta' 80 sena, li jinsab midfun ukoll fl-Addolorata, bħalma jinsab Dun Spir.[6] Wara li matul it-Tieni Gwerra d-Domus intlaqat u ġġarraf, sakemm

inbena mill-ġdid Rożina fetħet id-dar ta' Triq il-Gendus u hemm għal ġenerazzjonijiet sħaħ, qatgħat ta' tfal ħonqu din ir-residenza għat-tagħlim dedikat tas-Superjura. Bħalma għedt, mhijiex hekk minsija bħalma huma dawk li semmejt qabilha, li prattikament ħadd minnha llum ma sama' qatt bihom, imma nħoss li qegħda fl-istess triq u li aktar ma jikbru l-ġenerazzjonijiet li għallmet, anqas dawk li ġew warajhom jafu min kienet din il-mara twajba li tant ħadmet għall-ġid tat-tfal.

Kif wieħed jista' jimmaġina, dan mhuwiex għajr eżempju żgħir f'lista enormi ta' kompajżani tagħna, li bħal tant nies oħra llum intnesew u l-fdal tagħhom jinsab mistrieħ f'Tal-Ħorr. Il-ħajja tal-bniedem tgħaddi u tmur; jibqgħu biss it-tifkiriet. U xi wħud minnhom aħna appuntu użajna biex nfakkru waħdiet minn dawk ta' ġenerazzjonijiet li m'għadhomx aktar u llum jinsabu mistrieħa għall-ħemda taħt iċ-ċipress. Imma dan mhuwiex ħlief għadamhom, għalhekk nagħlaq billi nuża frażi miġjuba fuq qabar Toni Bugeja li dwaru tkellimna aktar 'il fuq:

"ĦANIN ALLA AGĦTI LIL DAWN L-ERWIEĦ IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM"

Hekk ikun!





# Micallef Stationery

**47, St Paul Street, Cospicua Mobile 7922 5933**

*Sell: Stationery - Greeting Cards - Toys Batteries*
*Perfumes - Toiletries - Alarmclocks - Radios*
*Computer accessories - Party items - Gifts etc. etc.*

*Photocopy service: Lamination: Soft Book Binding*

*Watch Batteries: Instant Passport Photos*

Open Monday to Friday 8.30am to 12.00pm & 4.00pm to 7.00pm
Saturday 8.30am to 12.00pm & 4.00pm to 6.00pm